**24 ta' Ottubru, 1984**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Qorti

*versus*

Paul Debono

## Rispett Lejn l-Awtorità tal-Qorti - Disprezz lejn l-Awtorità Tagħha

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti in kwantu sabet lill-konvenut ħati ta' disprezz lejn l-Awtorità tagħha izda rriformat il-piena mposta.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-konvenut ġie mħarrek biex jidher quddiem il-Qorti ta' Għawdex Superjuri Kummerċjali, u hekk: billi fis-6 ta' Ġunju, 1983, għal xi t-8.30 a.m. il-Marixxal ta' dik il-Qorti, Francis X. Micallef, attenda fid-dar tal-konvenut u fil-barriera tiegħu biex jesegwixxi żewġ mandati ta' qbid esekuttivi numri 73/1983 u 74/1983, it-tnejn fl-ismijiet **John Mizzi** *vs* **Paul Debono**, maħruġin minn dik il-Qorti fit-3 ta' Ġunju, 1983; u billi l-konvenut fixkel lill-imsemmi Marixxal, u anzi impedih milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu, bil-konsegwenza li ż-żewġ mandati msemmijin ma setgħux jiġu esegwiti;

Jgħid il-konvenut, għaliex ma għandux jiġi ddikjarat ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, u għalhekk ikkundannat għal xi waħda mill-pieni kkontemplati fl-artikoli 994 u 996 tal-Proċedura Ċivili, jew għal kull piena oħra applikabbli għall-każ skond il-liġi;

Rat l-eċċezzjonijiet:

Li kuntrarjament għal dak allegat fiċ-ċitazzjoni, mhux veru li l-Marixxal wara (*sic*) jesegwixxi l-imsemmi mandat ta' qbid fid-dar tal-konvenut;

Li lanqas m'huwa veru li Debono waqqaf lill-istess Marixxal milli jesegwixxi l-mandati fuq imsemmija. Kien il-konvenut stess li offra li l-istess Marixxal jesegwixxi l-mandati fuq *crane* li jiswa sitt elef lira (Lm6,000);

Rat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, fil-kompetenza tagħha bħala Qorti Superjuri Kummerċjali, tat-28 ta' Settembru, 1983, li biha dik il-Qorti sabet li ċ-ċitat Paul

Debono naqas mir-rispett lejn l-awtorità tal-Qorti billi, fis-6 ta' Ġunju, 1983, ipprekluda lill-Marixxal Francis X. Micallef milli jesegwixxi ż-żewġ mandati fuq imsemmija maħruġin minn dik il-Qorti u wara li rat l-artikoli 994 u 996 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ikkundannatu għall-għaxart (10) ijiem detenzjoni, wara lil kkunsidrat illi:

Irriżulta li fis-6 ta' Ġunju, 1983 il-Marixxal ta' din il-Qorti, Francis X. Micallef, mar fil-barriera taċ-ċitat Debono biex jesegwixxi ż-żewġ mandati indikati fiċ-ċitazzjoni, li kienu maħruġin minn din il-Qorti fuq talba ta' John Mizzi;

Il-Marixxal kien ser jesegwixxi l-mandati fuq *truck* li kien hemm fil-barriera. Il-konvenut però, li kien preżenti, qal li dak it-*truck* ma kienx proprjetà tiegħu. Hu stess qal lill-Marixxal biex jaqbad *truck* ieħor, jew *crane*, li kienu fil-barriera,u li ċ-ċitat Debono qal li kienu tiegħu. Iżda, kif il-Marixxal ipproċeda biex jesegwixxi l-mandati, iċ-ċitat ma ħallihx jieħu d-dettalji neċessarji, u ma ppermettix li jiġu esegwiti l-mandati billi allega li lill-esekutant ma kellux iħallsu daqskemm kien jippretendi, u li kellu każwa kontra tiegħu li kienet għadha pendenti;

B'dan il-mod iċ-ċitat irrenda ruħu ħati ta' disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti billi mhux talli fixkel lill-Marixxal fl-esekuzzjoni ta' mandati maħruġin minnha, imma talli addirittura pprekludih milli jesegwihom. Veru li l-konvenut seta' kien onestament taħt l-impressjoni li ma kellux iħallas daqskemm l-esekutant kien jippretendi. Iżda dan ma jiġġustifikax il-komportament tiegħu mal-Marixxal, u ma jattenwa xejn mill-gravità ta' l-aġir tiegħu. L-esekuzzjoni ta' mandat hija ta' importanza tali li l-artikolu 280 tal-Proċedura Ċivili jiddisponi espressament li "ħadd ma jista' jagħmel oppożizzjoni għall-esekuzzjoni ta' mandat ħlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni". Kull min jagħmel xkiel fl-esekuzzjoni ta' mandat jirrendi

ineffikaċi l-amministrazzjoni tal-ġustizzja;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Paul Debono pprezentat fit-30 ta' Settembru, 1983, li bih talab li għar-raġunijiet hemm imsemmija dina l-Qorti jogħġobha tilqa' l-appell tiegħu, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel *Onorabbli Qorti fuq imsemmija tat-28 ta' Settembru*, 1983, billi tiċħad l-akkuża jew akkużi kontra tiegħu u tilliberah minn kwalunkwe imputazzjoni u ħtija u, fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju, illi tirriforma l-istess sentenza billi *mintlok il-piena karċerarja applikata, tapplika piena oħra li* tagħmel aktar għall-każ;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta a sodisfazzjoni tal-Qorti illi meta fis-6 ta' Ġunju, 1983, il-Marixxal Francis X. Micallef mar biex jesegwixxi ż-żewġ mandati ta' qbid esekuttivi numri 73/1983 u 74/1983, it-tnejn fl-ismijiet **John Mizzi vs Paul Debono**, maħruġin mill-ewwel Qorti, il-konvenut ma ħallihx jaqdi d-dmirijiet tiegħu għax ippretenda li għandu jagħti inqas lill-kreditur esekutant u, barra minn hekk, kellu kawża kontra tiegħu. Kif ġie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Il-Qorti vs Carmelo Mifsud**, deċiża fis-26 ta' Ġunju, 1981 (ara ukoll Prim'Awla, Qorti Ċivili, **Il-Qorti vs Salvatore Bellotti**, 28 ta' Ottubru, 1982), dan l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi dik il-forma ta' *disprezz għall-awtorità tal-Qorti li tissejjaħ obstruction to the process of the Court.* Ma hemmx għalfejn jingħad li huwa importantissimu li l-uffiċjali tal-Qorti, li jmorru biex jesegwixxu l-ordnijiet ta' l-awtorità ġudizzjarja, jiġu

protetti mill-istess awtorità ġudizzjarja li għan-nom tagħha huma jkunu qegħdin jaġixxu;

Jidher ukoll mill-proċess li l-konvenut talab skuża jekk l-aġir tiegħu b'xi mod fixkel l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, kif il-Qorti qiegħda tirritjeni li fixkel. Din però mhix dik it-talba inkondizzjonata għall-iskuża li jeħtieġ li jkun hemm biex ikun hemm lok għal mitigazzjoni tal-piena. Ciononostante, il-Qorti, billi rriżultalha li fil-bidu ta' l-inċident qabel ma ostakola lill-Marixxal, il-konvenut ikkoopera miegħu meta qallu li wieħed mit-*trucks* fil-barriera ma kienx tiegħu u biex jaqbad it-*truck* l-ieħor, hi tal-fehma li piena pekunjarja tkun fiċ-ċirkostanzi biżżejjed;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet li l-konvenut naqas mir-rispetta lejn l-awtorità tagħha stante li fis-6 ta' Ġunju, 1983 ippreklu da lill-Marixxal Francis X. Micallef milli jesegwixxi ż-żewġ mandati fuq imsemmija, tirrevokaha in kwantu kkundannatu għall-għaxart (10) ijiem detenzjoni u minflok tikkundannah għal multa ta' ħamsin lira Maltija (Lm50), titħallas fi żmien xahar mil-lum. L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellant.